MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**

**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2011/1

**Marlene u Mario konjugi Scerri**

**vs**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fis-27 ta' April 2011, it-Tribunal tal-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi :-

*"Introduzzjoni*

*Permezz tal-att promotur ippresentat fit-18 ta' Frar 2008, il-konjugi Marlene u Mario Scerri ghamlu referenza ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fis-17 ta' April 2007 gewwa Sqaq il-Fgura, Gharb, Ghawdex, bejn il-vettura Opel Astra GBB 696 misjuqa minn Marlene Scerri u excavator operat minn Joseph Portelli, bhala rizultat ta' liema incident, l-excavator baqa diehel fil-genb tax-xellug tal-vettura ta' Scerri u kellha hsarat fil-valur ta' € 698.81.*

*Fatti*

*Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2008, xehed Dr. Mario Scerri illi qal li fis-17 ta' April 2007, ghal habta tas-07:30, il-mara marret tixtri minghand il-grocer gewwa Triq Frangisk Portelli. Meta giet lura qaltlu illi habta waqt li kienet diehla lura lejn id-dar. Hu ghalhekk hareg u r ail-vettura peress illi l-mara baqghet gejja d-dar u ma baqghetx fuq il-post u sab il-hsarat fil-parti ta' isfel tal-bieba tal-passigier u mal-wheel arch ta' quddiem tan-naha tal-passigier, liema hsarat sa' llum ma ttrangawx.*

*Peress illi l-incident sehh ftit aktar il-fuq mid-dar tieghu, tela jitkellem bil-kelma t-talba lil Joseph Portelli li kien qed jahdem fuq propjeta hemmhekk. Portelli kien qed ihaffer giebja go propjeta private li kienet qed tithaffer ghal diversi granet minn gewwa ghal barra. Il-mini excavator kien qed jaghmel xoghlijiet b' daru ghat-triq fis-sens illi min kien qed ihaddem kien wicccu 'l gewwa.*

*Meta tela, sab il-mini excavator nofsha fit-triq u nofsha gewwa, peress illi kien lahaq qed jaghmel il-parti ta' barra tal-giebja. Portelli kien ghadu qed iqatta u kien qed jghabbi t-terrapien fuq it-truck bl-istess excavator. Huwa pprova ikellem lil Portelli bil-kelma t-tajba izda ghal xejn u ghalhekk talab l-intervent tal-Pulizija.*

*Bhala hsara, Dr. Mario Scerri qal illi l-karozza sa llum ma rrangahiex u kull ma gab huwa stima tal-panel beater tax-xoghlijiet u quotation tal-qoxra tal-bieba.*

*Fl-istess seduta xehed ukoll is-Surgent 377 Emanuel Cilia, illi kkonferma r-rapport illi ghamel hu u qal li fuq il-post kellem lil Joseph Portelli u lil Marlene Scerri. Hu stqarr ukoll illi meta mar fuq il-post tal-incident, ma ra lil hadd ghassa fuq barra u ma deherlux li stazzjonat kellu lil xi hadd barra ghax inkella kien jiltaqa mieghu.*

*Xehed ukoll fl-istess seduta Joseph Magri, illi kkonferma illi hareg hu u kkonferma illi l-hsarat huma fuq il-mud guard tan-naha ta' quddiem tax-xellug fil-qiegh, u dina tista tittella kif ukoll fuq il-bieba, liema bieba kellha kienet kwazi imcarrtrta u trid tinbedel il-bieba kollha. Hu qal illi stima tal-bieba gabha minghand l-agent u qoxra ma setghetx tingieb ghax ma tesistix. Dwar il-hsarat taht il-bieba, huwa qal illi huma tali illi ma tistax titella izda triq tinbidel u dana ghax il-hadid ma jippermettix li jsiru xoghlijiet b' mod illi l-vettura tigi lura fl-istat li kienet.*

*Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2009, xehdet Marlene Scerri li qalet illi dakinhar kienet qed issuq il-vettura GBB 696 u kienet gejja lura id-dar bix-xirja. Kien hemm Portelli qed jahdem bil-gaffa u kien qed ihaffer giebja gewwa farmhouse u kien daru lejn it-triq, Ix-xoghlijiet kienu qed isiru gewwa s-sqaq li hija t-*

*triq tad-dar taghna. Hekk kif ghaddiet minn wara l-gaffa, x' hin waslet fin-nofs, hasset daqqa u l-karozza qisha bdiet ticcaqlaq lateralment. Hi waqfet u hu ressaq il-gaffa l-gewwa u hi regghet mexxet ftit aktar il-quddiem u regghet waqfet u, din id-darba, harget biex tkellmu. Hu baqa jahdem u ma tax kasha, regghet bdiet tghajjatlu u hu beda jghajjat u jirrabja. Eventwalment, meta rat hekk, marret id-dar u qalet lir-ragel taghha, Dr. Mario Scerri dwar dak li gara u mar hu.*

*In kontro ezami, Marlene Scerri qalet illi hi harget mid-dar xi ghaxar minuti qabel u dak il-hin rat lil Portelli jahdem peress illi harget minn fejn eventwalment regghet dahlet peress li t-triq hija dead end. Hi u gejja lura, lil Portelli ratu mal-ewwel izda assumiet li tghaddi u in fatti kienet tghaddi. Meta ratu mal-ewwel, il-gaffa kienet kwazi nofsha l-barra izda xorta setghet tghaddi.*

*Hi tghid illi l-incident sehh ghax hu rreversja ghal fuqha. Dwar xi kemm irriversja, ma tafx, izda hasset diveri skossijiet la genba meta laqatha u l-iskussjaturi hassithom filwat illi l-vettura kienet wieqfa. Mad-daqqa waqfet.*

*Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2009, Dr. Kevin Mompalao ghan-nom ta' Joseph Portelli, stqarr illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, permess ta' decizjoni datata 5 ta' Marzu 2009, sabet lil Portelli hati u ordnatu jhallas lir-rikorrent is-somma ta' € 683.06 rappresentanti d-danni minnu sofferti bhala rizultat tal-incident. Huwa stqarr illi kien ser jappella minn tali decizjoni u talab lil Arbitru sabiex jissoprasjedi sakemm tigi deciza il-kwistjoni mill-Qorti tal-Appell, peress illi l-ammont ordnat illi jithallas mill-Qorti tal-Magistrati huwa l-istess ammont illi huwa qieghed jitlob fl-arbitragg odjern. Tali talba giet milqugha.*

*Fis-seduta tat-8 ta' April 2011, l-Arbitru gie mgharraf illi l-Qorti tal-Appell kkonfermat id-decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk setghu jkomplu bil-proceduri. Xehed Joseph Portelli u qal illi kien gie inkarigat jaghmel xoghol ta' tahmil u tqattigh ta' giebja bl-excavator minn certu Alan Buttigieg, liema xoghol sar gewwa l-propjeta, u huwa kien wiccu l-gewwa, mill-hajt il-gewwa. Huwa kien l-ewwel iqatta imbaghad jghabbi. Kien*

*idum xi saghtejn iqatta imbaghad jghabbi. Dakinhar kien ilu ghaddej jahdem ghal xi siegha jew siegha u nofs.*

*Meta sehh l-incident, huwa qal illi kien qieghed bil-wieqfa fuq il-gaffa wieqaf biex jara fejn ried iqatta aktar fil-giebja u l-gaffa kienet mitfija. F' daqqa wahda semgha daqqa fuq il-gaffa, ihares lura u jara l-karozza ftit aktar l-isfel b' daqqa. Harget is-Sinjura Scerri u qaltlu li habtet mieghu u hu qalilha illi ma kienx qed jiccaqlaq u ghalhekk ma setax habat fih.*

*Hu stqarr illi l-vettura hassha biss u ma rajthiex. U jkompli jghid illi l-excavator, li ghandha xafra fuq wara li hija ghas-safety tal-excavator, li hija pulzier aktar wiesgha mill-gaffa u tkun fuq wara tul il-wisgha tal-gaffa kollha, kellha ix-xafra mal-art dak il-hin. Din ix-xafra, illi mill-art hija gholja xi pied, titla u tinsel u meta tnizzilha tillokja l-excavator sabiex ma jiccaqlaqx waqt illi tkun qed taqta, biex tissudaha f' postha.*

*Mad-daqqa, Portelli jghid illi Scerri halliet daqqa max-xafra illi kienet imnizzla, mal-parti tan-naha ta' fuq taghha. L-excavator kienet imqabbza bix-xafra madwar xi pied il-barra mill-binja. Huwa jghid ukoll illi dak il-hin tal-incident, vetturi qabel u wara fejn kien qed jahdem ma kienx hemm ghajr ghall-Isuzu tieghu illi kien ipparkjat quddiem il-bieb tal-garage aktar il-gewwa minn fejn kien qed jaqta il-blat.*

*Fl-istess seduta, il-partijiet qablu illi l-arbitru kellu jaghmel vizjoni tal-atti processwali kollha fil-kawza 'Pulizija vs Joseph Portelli' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Ottubru 2009 (90/2009), partikolarment ir-ritratti li hemm.*

*Konsiderazzjonijiet*

*Mill-fatti kollha kif fuq spjegati, jidher illi l-incident sehh waqt li allegatement Portelli kien qieghed ihaddem l-excavator tieghu u kien qieghed ihaffer.*

*Wara access illi ghamel l-arbitru, jidher car illi fejn sehh l-incident, ghalkemm mhux daqstant dejjem, it-triq mhix wahda wiesgha hafna u ma kienetx tippermetti illi l-vettura ta' Marlene Scerri tinstaq il-boghod minn fejn kien qieghed isir ix-xoghol.*

*Minn naha l-ohra, il-verzjoni moghtija minn Portelli illi huwa kien qieghed bil-wieqfa fuq il-gaffa illi kienet wieqfa u mitfija meta sehh l-incident, ma tantx hi wahda plawsibbli, peress illi huwa ferm difficli illi wiehed jemmen li, kumbinazzjoni, fill-hin meta sehh l-incident, Portelli kien qieghed ihares biex jara fejn kien kellu jaqta. Wiehed ma jistax ukoll ma jinnotax illi, kieku verament Portelli ried jara fejn kien fadallu biex jaqta, la darba kien qieghed jaqta giebja, huwa kellu ta bilfors inehhi il-materjal kollu minn fuq il-post, haga li certament huwa ma kienx lahaq ghadu ghamel la darba, kif stqarr idum jaqta xi saghtejn shah, u kien ghadu kif ghamel biss madwar siegha xoghol.*

*L-Arbitru ha wkoll notament tal-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, permezz ta' decizjoni datata 5 ta' Marzu 2009 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Ottubru 2009, kienet ordnat, inter alia, sabiex Portelli "ihallas lill-parti leza s-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin ewro u sitt centezmi (€ 683.06), liema somma jija kwazi l-istess somma illi qieghda tigi rikjesta permess tal-proceduri odjerni.*

*Konkluzjonijiet*

*Tenut kont tal-fatti kollha kif fuq esposti u il-konsiderazzjonijiet kollha maghmulha, l-Arbitru qieghed isib lil Joseph Portelli unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fis-17 ta' April 2007 gewwa Sqaq il-Fgura, Gharb, Ghawdex, bejn il-vettura Opel Astra GBB 696 misjuqa minn Marlene Scerri u excavator operat minn Joseph Portelli, bhala rizultat ta' liema incident, l-excavator baqa diehel fil-genb tax-xellug tal-vettura ta' Scerri u kellha hsarat fil-valur ta' €698.81.*

*Ghalhekk, huwa jordna lill-Portelli sabiex ihallas lill-konjugi Marlene u Mario Scerri d-danni kollha kif ukoll drittijiet u spejjez legali u mghax legali kif rikjest fl-att promoter, b' dan illi qieghed jigi ccarat illi d-danni hawn ordnati biex jithallsu huwa l-istess danni illi gia gew ordnati sabiex jithallsu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali a tenur tal-artikolu 583A tal-Kap. 9.*

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-appellant Joseph Portelli fejn talab li ghar-ragunijiet hemm premessi din il-Qorti tirrevoka l-lodo appellat, u thassar l-istess lodo u taghti dawk l-ordnijiet li jidrilha gusti fic-cirkostanzi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat Dottor Mario Scerri et fejn qed jitlob illi l-appell ghandu jigi rigettat bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Erbgha, 15 ta’ Gunju 2011 fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell li gie differit ghas-sentenza ghall-Erbgha, 19 ta’ Ottubru 2011.

Rat ukoll in-nota tal-appellant Joseph Portelli fejn informa lill-Qorti li sal-lum 28 ta’ Lulju 2011 huwa ghadu ma rnexxilux jottjeni kopja tas-seduti mizmm fl-arbitragg stante illi l-arbitru zamm l-inkartament ghandu u ma ghaddiehx lic-Centru ta’ l-Arbitragg. Dan kollu jirrizulta minn e.mails skambjati mac-Centru Malti ghall-Arbitragg (Dok. “A”)

Rat li l-istess inkartament gie ritornat u jinzamm fl-atti ta’ dan l-appell.

Rat l-atti kollha tal-process fl-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joseph Portelli” deciza fit-23 ta’ Ottubru 2009, nkluz l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali deciza fil-5 ta’ Marzu 2009 (388/2007/EG).

Rat ix-xhieda kollha moghtija u d-dokumenti esebiti fl-atti u l-processi kollha relattivi.

Rat l-atti kollha ta’ l-arbitragg u ta’ dan l-appell, nkluz il-process tal-lodo arbitrali nnifsu.

Rat l-atti l-ohra kollha.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi l-appellant qed isostni li (a) l-arbitru ma rax l-inkartament tal-kaz li kien deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dan ghaliex l-arbitru mkien ma jghid li ha konjizzjoni tal-istess atti u wkoll sostna li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat ir-responsabilita' tal-appellant odjern, meta in effetti fis-sentenza taghha l-istess Qorti laqghet l-appell u lliberat lill-appellanti minn kull responsabilita' kriminali u ghalhekk qed jinghad li l-appellant ma inghatax opportunita' li jressaq il-provi u wkoll li kien hemm nuqqas ta' smigh xieraq; (b) jidher li l-lodo bbaza l-konkluzzjoni tieghu anke fuq l-premessa zbaljata li l-Qorti tal-Appell Kriminali kien sabhet lill-appellant hati ta' dan l-incident u ghalhekk il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjoni huma zbaljati; (c) sar access fuq il-post minghajr hadd mill-partijiet ma kien prezenti u dan jivvjola d-dritt ta' smiegh xieraq u ghalhekk qed jitlob li l-lodo jigi revokat.

Illi din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha processwali, nkluzi l-atti tal-lodo arbitrali, l-istess decizjoni, l-atti kollha tal-process kriminali, u s-sentenzi f'sede kriminali tal-Prim Istanza u tal-Qorti tat-Tieni istanza thoss li ma jirrizultax ippruvat li l-arbitru ma hax konjizzjoni tal-atti tal-procedura kriminali u l-fatt li fil-premessi tal-istess lodo huwa ndika li b'verbal datat 8 ta' April 2011 l-partijiet awtorizzawh li jaghmel vizzjoni tal-process tal-process kriminali fis-sentenza kontra l-appellant odjern deciza mill-Qorti Kriminali fit-23 ta' Ottubru 2009, tindika li l-istess wasal ghall konsiderazzjonijiet tieghu wara li ha konjizzjoni tal-istess atti. Jekk imbaghad ghamilx apprezzament tajjeb tal-provi migjuba quddiem, hija kwistjoni ohra li sejra tigi trattata iktar il-quddiem, izda fuq din il-bazi din il-Qorti thossx li ma hemmx bazi sabiex jinghad li ma kienx hemm smiegh xieraq u ghalhekk l-ewwel aggravju fis-sens hawn indikat qed jigi michud.

Illi l-appellant jghid ukoll li prova li l-arbitru ma rax il-process kriminali u senjatament ir-ritratti hemm esibiti huwa l-fatt li l-lodo jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn jghid li fl-istess sentenza l-appellant instab hati tal-incident in kwistjoni, meta fil-verita' l-Qorti tal-Appell laqghet l-appell tieghu u lliberatu mir-responsabilita' kriminali ghall-istess incident, u jghid l-

appellant li l-artbitru ibbaza hafna fuq l-ezitu ta' din is-sentenza hekk citata erronjament sabiex huwa wasal sabiex attribwixxa r-responsabilita' tal-incident lill-appellant, u hawn ukoll l-appellanti qed jghid li b'hekk huwa gi impedut sabiex irressaq il-provi li ried iressaq konsistenti allura fl-inkartament u dokumenti u xhieda li kien hemm fl-istess process kriminali.

Illi din il-Qorti lanqas taqbel ma' dan l-aggravju ghaliex ghalkemm huwa minnu li l-Arbitru erronjament iccita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn sostna li din is-sentenza kienet sabhet lill-appellant hati meta fil-verita' l-istess decizjoni kienet illiberat lill-istess appellanti mir-responsabilita' ta' l-incident, dan kien sar, kif jidher mill-istess lodo, sabiex jikkonferma l-konkluzzjoni li l-artbitru kien wasal ghaliha huwa fl-apprezzament tal-provi li ghamel quddiemu, u dan sar fuq ix-xhieda prodotta quddiemu, u mill-vissjoni tal-atti processwali tal-atti kriminali. Fi kliem iehor il-fatt li l-Arbitru kkwota hazin l-istess decizjoni, ghalkemm certament li dan setgha gie evitat b'naqra attenzjoni, ma jfissirx li l-arbitru ma hax konjizzjoni tal-processi ndikati u tal-provi kollha sottomessi.

Illi jidher li mill-verbal tas-seduta relattiva quddiem l-arbitru l-vizzjoni tal-process kriminali kienet l-iktar immirata ghar-ritratti hemm esebiti, li juru anke t-triq fejn sar l-incident, u ma hemm xejn jindika li l-istess Arbitru ma hax konjizzjoni tieghu. Ma dan jizdied li din il-Qorti qed tezamina l-apprezzament li ghamel l-istess arbitru dwar il-fattispecie tal-kaz, u hadhet in konsiderrazzjoni wkoll l-provi kollha prodotti u wkoll dawk prodotti fil-process kriminali, kemm tal-Ewwel Istanza u kemm tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u dan jinkludi wkoll ir-ritratti kollha esebiti, u din il-Qorti thoss li meta tikkonsidra dan kollu l-versjoni tal-appellat hija hafna iktar verosimili, tenut kont tal-fatt li mir-ritratti tal-hsara sofferta fil-karozza tal-appellat jidher car, kif sostniet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, kienet tikkonsisti f'daqqa jew f'ghafsa u mhux brix kif tikkontendi d-difiza, u dan ovvjament jikkoroborha t-tezi tal-appellati. Minbarra dan mir-ritratti esebiti fil-process kriminali, li jindika l-lok fejn

sar l-incident, u bit-trakk hemm ipparkjat, jindikaw li ghalkemm ma hijiex xi wahda wiesgha hafna, l-appellata setghet tghaddi sew minnha, izda mhux il-boghod minn fejn l-appellant kien qed jahdem; kwantu ghall-versjoni tal-appellant li f'dak il-mument huwa kien wieqaf, din ma hijiex kredibbli, proprju minhabba n-natura ta' hsara li soffriet il-vettura tal-appellanti, u wkoll in vista tal-fatt li tali versjoni ma' hijiex lanqas verosimili, u l-verosimiljanza hija mezz iehor ta' prova f'kazi civili, kif sewwa rritjena l-istess artbitru fl-apprezzament tieghu tal-provi li instemghu quddiemu u wkoll tal-atti kollha relattivi li kellhu jiehu vizzjoni taghhom, inkluzi r-ritratti kollha esebiti, liema ritratti jaghtu kredibilita' lill-versjoni tal-appellati. Dan ifisser li jirrizulta mill-provi li l-incident sar meta l-appellant saqq lura l-ingenju li kien qed jahdem bih ghall got-triq, u dan minghajr ma ha l-prewkawzzjonijiet necessarji sabiex jara minn kien ghaddej minn warajh, tant li ma kellhu lill hadd sabiex jararalu dak li kien qed issir fit-triq, u jidher li kien b'dan il-mod li huwa kien qed jaghmel ix-xoghol kollu, ghaliex fl-ebda stadju ma jidher li kien hemm xi hadd jassistih fuq il-lant tax-xoghol.

Illi kwantu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, jidher car li l-istess decizjoni kienet motivata mill-grad ta' prova rikjest f'kawzi kriminali li huwa dak li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz *"lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni",* mentri f'kontestazzjonijiet civili, l-grad ta' prova huwa dak *"on a balance of probabilities",* u allura l-grad ta' prova rikjest f'din l-istanza huwa inqas minn dak rikjest fi proceduri kriminali u ghalhekk hemm fis-sistema nostrali l-indipendenza tal-kawza civili minn dik kriminali. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi rigettat.

Illi dwar l-access li inzamm fuq il-post mill-Arbitru l-fatt li dan ghamlu wahdu minghajr prezenza tal-partijiet ma jwassalx ghall-ebda ksur ta' smiegh xieraq u dan anke tenut tal-fatt li ma imkien ma jirrizulta li l-istess arbitru ikkonstata xi lok jew sit differenti minn dak konness ma' din il-kawza, u wkoll l-ebda parti ma kienet prezenti, u allura l-Arbitru tratta l-partijiet bl-istess mod. Dan apparti l-fatt li l-lok tal-incident jirrizulta mix-xhieda kollha u mir-ritratti esebiti, u ma kien punt pacifiku bejn il-partijiet u ma

kienx hemm ebda kontestazzjoni dwaru. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellati Dr. Mario Scerri et datata 13 ta' Gunju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Joseph Portelli datat 10 ta' Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz b'dan li tikkonferma il-lodo arbitrali tat-Tribunal Ta' l-Abitragg fl-ismijiet "Marlene Scerri et vs Joseph Portelli" (Arbitragg Numru 1360/2008) datata 27 ta' April 2011 ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kollha taz-zewgt istanzi kontra l-appellanti Joseph Portelli.**

Bl-ispejjez

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------